MISSION FUND

**No: 106** **MARZU 2013 - MEJJU 2013** **VO/0015**

NEWSPAPER POST




Għeżież Membri u Ko-operaturi,

Fl-għeqqel tax-xitwa, fil-25 ta' Jannar, iċċelebrajna it-tifkira tal-konverżjoni ta' San Pawl u ftit wara, fl-10 ta' Frar il-festa tan-nawfraġju u l-miġja tiegħu fil-gżejjer tagħna. Pawlu l-appostlu tal-ġnus kien fost l-ewwel missjunarji, terraq lejn ħafna pajjiżi u għadda minn bosta perikli biex ixandar l-Aħbar it-Tajba.

Qiegħdin fis-sena tal-Fidi, il-Fidi li ġabilna Pawlu ta' Tarsu. San Pawl fejjaq lill-morda u kellem lil missirijietna fuq Ġesu.... u l-Maltin ' laqgħuh bi ħlewwa kbira', semgħuh, aċċettawh u nibtet fihom iż-żerriegħa tal-Fidi. Tabilħaqq kif jgħid San Pawl stess 'il-fidi tiġi mis-smiegħ tal-kelma t'Alla'.

Għaddew 2000 sena u l-bniedem għamel progress kbir. Il-bniedem, ħolqien ta' Alla, hu tassew opra meraviljuża! Ħaddem il-potenzjal li tah Alla u wasal għal skoperti u nvenzjonijiet kbar. Iżda donnhom dawn nessewh li hemm Alla li tant iħobbna, li tana kollox.... saħansitra lil Ibnu l-waħdieni!

Fil-ħajja pubblika tiegħu Ġesu qabeż għall-fqir, fejjaq il-morda u qajjem il-mejtin. Kien kontroversjali, ippriedka fuq id-dinjita tal-mara, fuq iż-żwieġ dejjiemi bejn raġel u mara, fuq l-imħabba lejn kulħadd u fuq il-ħniena u l-maħfra. Mhux kulħadd aċċettaH allavolja raw għadd kbir ta' mirakli. Gesu waqqaf il-Knisja u ħalla f'idejn Pietru u l-appostli biex imexxuha. Huma l-Papa u l-Isqfijiet li juruna t-triq. Tassew li l-fidi titlob relazzjoni personali ma' Alla. Nitkellmu miegħU fit-talb u nisimgħuH ikellimna anke permezz ta' persuni li huma bħal dawl fil-ħajja tagħna. Hekk qalulna l-Isqfijiet fil-pastorali tar-Randan. Saħqu fuq it-Talb u l-Karita. Il-karita li tibda l-ewwel ma' min hu l-aktar qrib tagħna u li tifrex mal-proxxmu kollu.

Qaddis u evanġelista ta' żmienna, San Ġorġ Preca ħabrek kemm felaħ biex joħloq soċjeta li tkellem lil uliedna fuq Gesu u tifformahom b'tagħlim reliġjuż mimli valuri. Ħalla warajh soċjeta li firxet l-għeruq mhux Malta biss iżda saħansitra fl-artijiet tal-missjoni, ħallilna wkoll teżor ta' talb u ġakulatorji sbieħ. F'din is-sena tal-Fidi ta' min itenni ta' spiss waħda minn dawn il-ġakolatorji ta' San Ġorġ Preca 'Gesu kattarli l-Fidi'

Joe Mifsud - *Membru tal-kumitat*

Address: Eureka Court, Block A Flat 6, Main Street, Mosta MST 1018 • Opening Hours: Mon. - Fri. 9am - 1pm
Tel/Fax: (+356) 2141 3664 – 24hr Answering Machine Service • Website: www.missionfund.org.mt • E-mail: missionfund@global.net.mt
**Il-Mission Fund** hija reġistrata bħala organizzazzjoni filantropika skont l-Att ta' l-2007 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji - Reg. No. VO/0015

**DONAZZJONIJIET LI NTBAGĦTU LILL-MISSJUNARJI BEJN SETTEMBRU – DIĊEMBRU 2012**

1. **Sr. Rose Fenech (PHILIPPINES)**
Towards helping the workers to improve their housing condition and providing sacks of rice to the poor families who were hit by the floods €1,500

2. **Sr. Tiburzia Cilia (ISRAEL)**
Towards helping the poor families with basic needs. €1,500

3. **Sr. Helen Muscat (ISRAEL)**
Towards helping financially the poor families. €1,500

4. **Mons. Robert Camilleri (HONDURAS)**
Towards the provision of food, medicine and clothing for the poor people. €3,000

5. **Fr. Garvin Grech (BOLIVIA)**
Towards running community centres helping single mothers, people with special needs, families with problems and the elderly. €1,500

6. **Mons. Joseph Alessandro (KENYA)**
Towards the work with the poor. €3,000

7. **Sr. Lydie Saliba (TURKEY)**
Towards the work with the elderly. €1,500

8. **Fr. Paul Buttigieg (CUBA)**
Towards the refurbishment of the existing chapel and building a religious centre. €1,500

9. **Fr. Joseph Zerafa (INDIA)**
Towards teaching the poor to read and the resurfing of nearby rough passages. €1,500

10. **Fr. Jospeh M. Gauci Sacco (INDIA)**
Towards the printing of the Bible, Prayer, Hymn and Catechism books. €1,500

11. **Fr. Lonnie Borg (PHILIPPINES)**
Towards helping the poor students in their spiritual and material needs. €1,500

12. **Sr. Mary Ann Mallia (PAKISTAN)**
Towards providing students with free education, books, uniforms, shoes and stationery. €1,500

13. **Sr. Carmela Chircop (ISRAEL)**
Towards providing financial help to poor families. €1,500

14. **Sr. Salvina Borg (ETHIOPIA)**
Towards sponsoring poor children and youths with the aim of educating them for life's challenges and educating the children with disabilities. €1,500

15. **Sr. Josephine Vassallo (ZAMBIA)**
Towards the pastoral and social work with HIV patients. €1,500

**16. Sr. Vittoria Gauci (EGYPT)**
Towards providing food, clothing and medicine to the Sudanese refugees. €1,500

**17. Sr. Maria Domenici (ISRAEL)**
Towards providing education and basic needs to the poor children at the school. €1,500

**18. Sr. Marie Rose Sammut (KENYA)**
Towards taking care of the poor elderly. €1,500

**19. Fr. Raymond Portelli (PERU`)**
Towards providing medical care and daily meals to Aids patients and the elderly. €1,500

**20. Sr. Irene Balzan (SUDAN)**
Towards medical work in the new mission. €1,500

| | |
|---|---|
| Proġett Tama 2012 (Marcette Buttigieg (India) | €90,000 |
| Proġett Tama 2012 (Other donations in India) | €40,000 |
| Proġett Tama 2012 (Other donations in Tanzania / Kenya) | €8,300 |
| Donations from 01.01.2012 – 31.12.2012 | €307,800 |
| Donations from 1984 – 2012 | € 3,456,068 |

---



❖ Għal darba oħra l-Mission Fund tistiednek tattendi għal Buffet Breakfast, San Antonio Hotel, il-Qawra, **fit-21 ta' Marzu 2013.**

Prezz €10.00 (mingħajr transport).
Trasport (għal min għandu bżonn) jista' jiġi provdut bi ħlas apparti.

Għall-biljetti ċemplu l-uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09.00 u s-13.00 fuq 2141 3664 jew lil Charles Decelis 21575351 / 99885078.

---

***DONAZZJONI MINFLOK SOUVENIR:***

*Awguri lil Charmaine u Ian li ser jiżżewġu fl-4 ta' Mejju u lil Claudia u Malcolm li ser jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom fit-18 ta' Mejju. Grazzi mill-qalb lil dawn iż-żewġ koppji li issa nagħqdu mal-koppji l-oħra li offrew donazzjoni lill-Mission Fund minflok ma qassmu souvenirs fit-tieġ tagħhom.*

*Inħajru koppji oħra li ser jiżżewgu biex jimitaw dan il-ġest sabiħ.*

## *LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2013:*

*Il-Laqgħa Ġenerali Annwali ser issir fis–19 ta' Mejju, 2013. F'din il-laqgħa, jinqraw u jiġu approvati r-Rapport Amministrattiv u r-Rapport Finanzjarju għas-sena 2012.*

## *TOUR / Pellegrinġġ għal Lourdes*



**Mill-4 sal-10 ta' Settembru, 2013.**
**Prezz minn €529 kull persuna.**

**Prezz jinkludi**

- Titjira mal-Air Malta għal Lourdes u lura
- Trasferimenti mill-ajruport sal-lukanda u lura
- Akkomodazzjoni għal 5 iljieli fil-**Best Western Hotel Christina 3*** **f'Lourdes
- L-ikel kollu (*full board*)
- Taxxi kollha u *service charge*
- Servizz ta' *tour leader*
- Servizz ta' direttur spiritwali (Fr Marcellino Micallef OFM)

***Għal booking u aktar informazzjoni ċemplu l-Mission Fund Tel: 21413664. Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-09.00 sas-13.00 jew lis-Sur Charles Decelis 21575351 / 99885078.***

## *NEWSLETTER:*

***Nixtiequ xi helpers biex iqassmu n-newsletter fid-djar fl-irħula tagħhom. B'hekk inkunu qed niffrankaw xi ftit mill-ispejjez tal-bolol. Kull min jixtieq jgħin għandu jċempel l-uffiċċju biex nagħtuh iżjed dettalji.***

***NEWSLETTER FUND:*** *Bħal kull sena, qed niġbru donazzjoni ta' lanqas €3.00, għall-ispejjeż ta' din in-Newsletter. Jekk jogħġobkom immarkaw l-envelop tad-donazzjoni għal dan l-iskop, jiġifieri '**Newsletter Fund'**. Din id-donazzjoni mhix obbligatorja. Min ma jibgħatx donazzjoni xorta jibqa' jirċievi n-Newsletter. Bl-għajnuna tagħkom tkunu qed ittaffu xi ftit l-ispejjez tagħna. Grazzi.*

***SKEMA SELF TA' FLUS:*** *Din hija skema fejn il-benefattur tagħna, minflok jagħtina donazzjoni, isellifna somma flus (€500 minimu), l-imgħax fuq dan id-depożitu, flok imur għand il-benefattur, jgħaddi lill-Mission Fund.*

*Is-somma depożitata dejjem tibqa' dritt tal-benefattur, tant, li meta wieħed ikun irid lura l-flus, dan għandu jinfurmana ftit ġranet qabel biex ngħadduhom lura (bla imgħax). Aħna dejjem nagħtu rċevuta/dokument uffiċċjali. Bis-saħħa tal-benefatturi li qed jipparteċipaw f'din l-iskema, aħna għandna s-somma sabiħa ta' €56,000 li tirrendielna imgħax tajjeb, sabiex inkunu nistgħu ngħinu lill-missjunari tagħna. Kull min hu nteressat f'din l-opra sabiħa jew jixtieq ikun jaf iżjed dettalji, għandu jikkuntattjana. Grazzi.*

---

- ***Hawn qiegħdin jidhru n-numri tal-kontijiet bankarji tal-Mission Fund għal min jixtieq jibgħatilna xi donazzjoni dirett fil-bank***

BOV plc: 163 007 980 19 - BANIF: 000 879 63101 - HSBC plc: 06 1197 448 050 - APS: 200 008 207 62

# *GARAGE SALE*

**'ST. JOSEPH' GARAXX, TRIQ IL-GUMMAR, B'KARA (Bieb ma' bieb mal-forn)**

KULL NHAR TA' TNEJN, L-ERBGHA u L-ĦAMIS............BEJN id-09.30 u s-12.30

Issibu diversi oġġetti bi prezzijiet verament irħas.

**QUDDIESA GĦALL-ERWIEĦ TAL-BENEFATTURI TAGĦNA:**

Kull-ewwel Hamis ta' kull xahar matul is-sena, fil-knisja ta' **San Franġisk il-Ħamrun** ser issir quddiesa għall-erwieħ tal-benefatturi tal-Mission Fund u tal-qraba taghhom. Dawn ser isiru f'dawn il-ġranet:

4 ta' April (08.30), 2 ta' Mejju (18.30), 6 ta' Ġunju (18.30), 4 ta' Lulju (18.30), 1 ta' Awissu (18.30), 5 ta' Settembru (18.30), 3 ta' Ottubru (08.30), 7 ta' Novembru (18.00) u 5 ta' Diċembru (18.00). Inħeġġu li kull min jista`, jattendi għal dan il-quddies.

Kull min jixtieq jibgħat xi donazzjoni għandu jimla l-formula t'hawn taħt flimkien ma' l-ismijiet tal-qraba u ħbieb mejtin u jibgħatilna. Dawn jiġu offruti fuq l-artal waqt il-quddiesa. Isir talb speċjali għal ruħhom, kemm fil-quddies li nagħmlu hawn Malta, kif ukoll f'dawk li jsiru għall-istess intenzjoni mill-Missjunarji li intom qegħdin tgħinu.

Quddies ieħor ser isir fiċ-Ċentru San Franġisk, il-Ħamrun, f'kull l-ewwel Tlieta tax-xagħar.
**Quddiesa Speċjali** għall-erwieħ tal-benefatturi tal-Mission Fund u tal-qraba tagħhom ser issir nhar it-Tlieta 2 ta' April fiċ-Ċentru San Franġisk, il-Ħamrun. Din tibda fis-18.30.

--------------------------------------------------- aqta` hawn ---------------------------------------------------

Qiegħed nibgħat il-ħlas ta' € _____________ permezz ta' cheque / money order pagabbli lill-MISSION FUND

għal ruħ/erwieħ: ________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

ISEM U KUNJOM:___________________________________________

INDIRIZZ:_______________________________________________________

RAĦAL: ____________________KODIĊI POSTALI: _______________TEL:________________

**PROĠETT TAMA 2013:**

Il-Mission Fund laqghet it-talba ta' Mgr Emanuel Barbara OFM Cap. Isqof ta'Malindi fil-Kenja. Mgr Barbara jixtieq jespandi l-iskola sekondarja f'Bakanga billi jibni dormitorju għal studenti bniet. Il-voluntiera tal-Mission Fund diġa offrew għajnuna lil din l-iskola sekondarja meta fl-2006 għenu biex jinbena laboratorju tax-xjenza.
Madwar 25 voluntiera qed iħejju ruħhom billi jattendu laqgħa kull ġimgħa, isegwu programm ta' tilqim u programm ieħor ta' *group building*. Dawn il-voluntiera ser jaħdmu fuq il-proġett tad-dormitorju għal 5 ġimgħat f'Awwissu – Settembru. Barra l-għajnuna finanzjarja napprezzaw ħafna t-talb tagħkom.

❖ **IRĊEVUTI TAL-VAT:**

Inħeġġukom li tibgħatulna l-irċevuti mhux immarkati, b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjunarji. Nirringrazzjakom. Grazzi wkoll lil-helpers li joqogħdu jittimbraw dawn l-irċevuti f'isem il-Mission Fund.

---

**GRAND LOTTERY 2013:** *(Direttur tal-Lottu Pubbliku numru 5/13).*

Il-Mission Fund qiegħed għal darb'oħra jorganizza Lotterija Kbira b'risq il-missjoni, li għandha bħala

- **l-ewwel premju:** *Toshiba TV - LCD 32"*
- **it-tieni premju:** *Vester Auto Washing Machine*
- **it-tielet premju:** *One4All Gift Voucher ta' €100*
- **ir-raba' premju**: *Convection Oven*

Din il-lotterija ser titla' minn raprezentant tal-Lottu Publiku nhar il-**Ħadd 25 ta' Awwissu 2013** f' Eureka Court, Blk A / Flt 6, Triq il-Kbira, MOSTA fl-10.00. Il-pubbliku ġenerali huwa mistieden jattendi għat-tlugħ ta' din il-lotterija.

Ġewwa dan l-envelope għandek issib pakkett biljetti li fih 25 biljett. Kull biljett jinbiegħ €0.25 biss u bħala turija ta'apprezzament tagħna ta'dak kollu li tagħmlu magħna, aħna qegħdin ngħatukom ĦAMES BILJETTI B'XEJN MA' KULL PAKKETT LI INTOM TBIEGĦU. Għalhekk aħna nkunu qed nistennew biss minn għandkom €5.00 GĦAL KULL PAKKETT LI TBIEGHU.

Importanti li:-

1. Taraw li d-dettalji ta' dawk li jixtru l-biljetti jinkitbu ċar. Biljetti li jitħallew vojta u ma jimtlewx ma jiġux ikkonsidrati biex jipparteċipaw f'din il-lotterija.

2. Jekk tkunu tridu iżjed biljetti ċemplulna jew iktbulna.

3. Tibgħatu l-**mamma tal-biljetti** u l-flus sa mhux aktar tard mil-**23 ta' Awissu, 2013.**

4. Meta tibgħatu l-ħlas tagħkom dan għamluh biss permezz ta' *cheque* jew *money order* (li tinħareġ mill-Posta) pagabbli lill-**MISSION FUND.**

5. Jekk għal xi raġuni ma tixtiequx tbiegħu dawn il-biljetti ma jimpurtax. Ibgħatuhomna lura.

6. Il-biljetti rebbieħa jridu jiġu ppreżentati lill-organizzaturi biex jingħataw ir-rigali.

F'kaz ta' xi diffikulta` ċemplulna (mid-09.00 sas-13.00 mit-Tnejn sal-Ġimgħa) jew iktbulna.